SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Awla tal-Appell)

15 ta' Settembru 2017 *

"Appell – Servizz pubbliku – Uffiċjali – Kompetizzjoni ġenerali – Inklużjoni fil-lista ta' riżerva – Deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li ma tirreklutax kandidat li għadda minn kompetizzjoni – Kompetenzi rispettivi tal-Bord tal-Għażla u tal-Awtorità tal-Ħatra – Kundizzjonijiet għall-ammissjoni fil-kompetizzjoni – Tul minimu ta' esperjenza professjonali – Modalitajiet ta' kalkolu – Telf ta' opportunità ta' reklutaġġ – Talba għad-danni"

Fil-Kawża T-734/15 P,

li għandha bħala suġġett appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (l-Ewwel Awla) tas-6 ta' Ottubru 2015, FE vs Il-Kummissjoni (F-119/14, EU:F:2015:116), u intiża għall-annullament ta' din is-sentenza,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn F. Simonetti u G. Gattinara, bħala aġenti,

ir-rikorrenti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija

FE, irrappreżentata minn L. Levi u A. Blot, avukati,

ir-rikorrenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI ĠENERALI (Awla tal-Appell),

komposta minn M. Jaeger, President, M. Prek (Relatur) u S. Frimodt Nielsen, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha ppreżentat abbażi tal-Artikolu 9 tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea titlob l-annullament tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (l-Ewwel Awla) tas-6 ta' Ottubru 2015, FE vs Il-Kummissjoni (F-119/14, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:F:2015:116), li permezz tagħha, minn naħa, huwa annulla d-deċiżjoni tas-17 ta' Diċembru 2013 li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet irrifjutat li tirrekluta lil FE u kkundanna lill-Kummissjoni tħallas is-somma ta' EUR 10 000, u min-naħa l-oħra, ċaħad il-kumplament tar-rikors.

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma ddikjarati fil-punti 8 sa 20 tas-sentenza appellata kif ġej:

"8. Fit-8 ta' Diċembru 2005, l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) ippubblika l-Avviż ta' kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/42/05 (iktar 'il quddiem il-"kompetizzjoni") għall-istabbiliment ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' ġuristi lingwisti tal-grad AD 7 tal-lingwa Pollakka, intiża sabiex [jimtlew] pożizzjonijiet vakanti fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej, b'mod partikolari fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU C 310 A, p. 3, iktar 'il quddiem l-"avviż ta' kompetizzjoni"). […]

9 Fil-punt I tat-Titolu A intitolat "N[atura tal-funzjonijiet]", tal-avviż ta' kompetizzjoni, il-funzjonijiet li kellhom jiġu eżerċitati kienu deskritti kif ġej:

– Traduzzjoni u/jew reviżjoni bil-Pollakk ta' testi ġuridiċi minn tal-inqas żewġ lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

– Verifika tal-konkordanza lingwistika u ġuridika ta' testi leġiżlattivi bil-Pollakk, diġà tradotti u rriveduti, meta mqabbla ma' verżjonijiet lingwistiċi oħra ta' dawn it-testi, verifika tal-kwalità redazzjonali tagħhom u tal-osservanza tar-regoli fil-qasam tal-preżentazzjoni formali.

[…]"

10 Il-punt II.2 tat-Titolu A tal-avviż ta' kompetizzjoni kien jippreċiża barra minn hekk li, sabiex ikunu jistgħu jiġu ammessi għall-eżamijiet, il-kandidati kellhom, fid-data finali stabbilita għar-reġistrazzjoni għall-kompetizzjoni, jiġġustifikaw, "[w]ara l-istudji universitarji meħtieġa, esperjenza professjonali ta' mhux inqas minn sentejn […]".

11 [FE] applikat għall-kompetizzjoni fis-27 ta' Diċembru 2005. Taħt il-kolonna "E[sperjenza professjonali]" tal-kandidatura tagħha għall-kompetizzjoni (iktar 'il quddiem il-"kandidatura") hija indikat li kellha sitt esperjenzi professjonali ta' tul totali ta' wieħed u tletin xahar, li minnhom ħmistax-il xahar ta' attività bħala ġurista lingwista freelance għall-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri mill-15 ta' Ottubru 2004 sad-data tal-kandidatura tagħha, kif ukoll tliet xhur ta' perijodu ta' prova mal-uffiċċju legali W., fi Brussell (il-Belġju), mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2005.

12 Ir-rikorrenti ġiet ammessa tipparteċipa fl-eżamijiet tal-kompetizzjoni. Fi tmiem [xogħlu], il-Bord tal-Għażla inkluda isimha fil-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni, li l-validità tagħha, inizjalment [stabbilita] għall-31 ta' Diċembru 2007, ġiet estiża, wara diversi estensjonijiet, sal-31 ta' Diċembru 2013, data li fiha hija skadiet b'mod definittiv.

13 Permezz ta' posta elettronika tat-22 ta' Mejju 2013, ir-rikorrenti ġiet mistiedna mis-servizzi tad-DĠ "Ġustizzja" tagħmel, fit-28 ta' Mejju segwenti, intervista bil-għan tal-possibbiltà ta' reklutaġġ tagħha fil-pożizzjoni ta' amministratur fi ħdan l-imsemmi direttorat ġenerali […]

14 Fix-xahar ta' Ġunju 2013, ir-rikorrenti ġiet informata mid-DĠ "Ġustizzja" li hija kienet intgħażlet għall-pożizzjoni ta' amministratur u li kienet intbagħtet talba għar-reklutaġġ tagħha lid-[DĠ "Riżorsi Umani u Sigurtà" (iktar 'il quddiem id-DĠ "Riżorsi Umani")].

15 Mid-dokumenti fil-fajl jirriżulta li, f'Ġunju 2013, is-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni kienu informaw lir-rikorrenti wkoll li, "[p]eress li l-Kummissjoni ma kinitx ipparteċipat fl-organizzazzjoni tal-kompetizzjoni […] u peress li l-lista ta' riżerva maħruġa għall-imsemmija kompetizzjoni, li fiha [FE] kienet inkluża, kienet lista ta' ġuristi lingwisti u mhux ta' amministraturi, kellha tintalab

deroga mingħand il-[k]ummissarju responsabbli mir-[r]iżorsi umani u s-sigurtà, peress li l-politika tal-Kummissjoni hija li ma tużax dawn il-listi ħlief f'eċċezzjonijiet notevoli għas-[s]ervizz legali tagħha u għal xi funzjonijiet speċjalizzati f'[direttorati ġenerali] oħra, taħt ċerti kundizzjonijiet".

16 Permezz ta' posta elettronika tas-26 ta' Lulju 2013, il-kap tal-unità "Dritt tal-kuntratti" tad-DĠ "Ġustizzja" ikkomunika lil [FE] li d-DĠ "Riżorsi Umani" kien "qabel mar-reklutaġġ [derogatorju] tagħha bħala amministratur [mil-]lista ta' riżerva ta' ġuristi lingwisti", filwaqt li enfasizza li d-DĠ "Riżorsi Umani" kien ser jikkuntattjaha u li ma kellha tagħmel xejn qabel ma tirċievi komunikazzjoni uffiċjali min-naħa tiegħu.

17 Fl-aħħar tax-xahar ta' Awwissu 2013, id-DĠ "Riżorsi Umani" talab lir-rikorrenti tipprovdi dokumenti ta' sostenn tal-esperjenzi professjonali tagħha ta' qabel il-kandidatura tagħha, fid-dawl tal-kundizzjoni għall-ammissjoni relatata mal-esperjenza professjonali minima ta' sentejn li kienet tinsab fl-avviż ta' kompetizzjoni.

18 Matul il-perijodu ta' bejn l-aħħar tax-xahar ta' Awwissu 2013 u x-xahar ta' Novembru 2013, [FE] kellha diversi intervisti ma' rappreżentanti tad-DĠ "Riżorsi Umani" u pprovdiet dokumenti differenti u spjegazzjonijiet sabiex tikkjarifika l-kwistjoni tal-esperjenzi professjonali li hija semmiet fil-kandidatura tagħha. Matul dan il-perijodu, ir-rappreżentanti tad-DĠ "Ġustizzja" ikkonfermaw diversi drabi l-interess tagħhom fir-reklutaġġ tagħha.

19 B'ittra tas-17 ta' Diċembru 2013, l-[Awtorità tal-Ħatra] informat lil [FE] li r-reklutaġġ tagħha mad-DĠ "Ġustizzja" ma setax iseħħ, għar-raġuni li hija ma kinitx tissodisfa l-kundizzjoni għall-ammissjoni għall-kompetizzjoni relatata mal-esperjenza professjonali meħtieġa (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"). Skont l-[Awtorità tal-Ħatra], fid-data finali għar-reġistrazzjoni għall-kompetizzjoni, [FE] kellha biss tnejn u għoxrin xahar ta' esperjenza professjonali, minflok sentejn kif meħtieġ mill-avviż ta' kompetizzjoni. Sabiex waslet għal din il-konklużjoni, l-[Awtorità tal-Ħatra] kkunsidrat, fir-rigward tal-esperjenza professjonali bħala "tradut[tur] free-lance" għall-Qorti tal-Ġustizzja, seba' xhur biss u, fir-rigward tal-esperjenza professjonali bħala persuna bi prova fl-uffiċċju legali W., xahrejn biss, li ma kinux jikkorrispondu għall-ħmistax u għat-tliet xhur iddikjarati minn [FE] fil-kandidatura. Id-deċiżjoni kkontestata kienet tippreċiża wkoll li għal dak li jirrigwarda l-attività "free-lance mal-[Qorti tal-Ġustizzja]" it-tul tal-esperjenza professjonali tar-rikorrenti kien ġie kkalkolat abbażi tan-numru totali ta' paġni tradotti, jiġifieri 721, u ta' standard ta' 5 paġni kuljum, ikkunsidrat bħala adegwat mill-Kummissjoni u li huwa sostanzjalment inqas minn dak ta' 8 paġni kuljum użat mill-Qorti tal-Ġustizzja.

20 Fl-14 ta' Marzu 2014, [FE] ressqet ilment kontra d-deċiżjoni kkontestata. Dan l-ilment kien ġie miċħud mill-[Awtorità tal-Ħatra] b'deċiżjoni tal-14 ta' Lulju 2014 […]"

Il-proċedura fl-ewwel istanza u s-sentenza appellata

3 B'rikors ippreżentat fir-Reġistru tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-24 ta' Ottubru 2014, FE ppreżentat rikors, irreġistrat bin-numru F-19/14, intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tas-17 ta' Diċembru 2013 li permezz tagħha l-Kummissjoni rrifjutat li tirreklutaha (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata") u tad-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tal-14 ta' Lulju 2014, u min-naħa l-oħra, għall-kundanna tal-Kummissjoni għall-ħlas tas-somma ta' EUR 26132.85, flimkien mal-interessi moratorji, u l-kontribuzzjonijiet għall-iskema ta' pensjonijiet mix-xahar ta' Settembru 2013, kif ukoll għall-ħlas ta' EUR 1 simboliku għad-dannu morali kkawżat. Hija talbet ukoll il-kundanna tal-Kummissjoni għall-ispejjeż.

4 Permezz tas-sentenza appellata, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, minn naħa, annulla d-deċiżjoni kkontestata u kkundanna lill-Kummissjoni tħallas lil FE s-somma ta' EUR 10 000, u min-naħa l-oħra, ċaħad il-kumplament tar-rikors. Huwa ordna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn FE.

5 F'dan ir-rigward, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku b'mod partikolari rrileva li, għad-differenza tal-ġurisprudenza invokata mill-Kummissjoni, "f'dan il-każ, għalkemm l-avviż ta' kompetizzjoni ċertament kien jirrikjedi tul minimu ta' sentejn ta' esperjenza professjonali fil-qasam tat-traduzzjoni jew, iktar probabbli, f'dak tat-traduzzjoni ġuridika, madankollu l-metodu ta' kunsiderazzjoni u ta' kalkolu, f'termini ta' tul, ta' esperjenza professjonali eżerċitata taħt l-istatus ta' ħaddiem li jaħdem għal rasu ma kinitx spjegata" u li "l-argument […] li t-tul minimu ta' sentejn ta' esperjenza professjonali għandu, fil-każ partikolari tal-kompetizzjoni, jinftiehem bħala li jirrigwarda, min-natura tiegħu, attività professjonali eżerċitata full-time, li għandha tiġi kkalkolata barra minn hekk skont il-modalitajiet li jinsabu fid-deċiżjoni kkontestata […] ma jistax jiġi aċċettatat" (punti 51 u 56 tas-sentenza appellata).

6 It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda wkoll li, "billi adottat id-deċiżjoni kkontestata, l-[Awtorità tal-Ħatra] [eċċediet] il-kompetenza tagħha fil-qasam tal-verifika tal-osservanza tal-kundizzjoni għall-ammissjoni supplimentari relatata mal-esperjenza professjonali, billi [impinġiet] b'hekk fuq il-kompetenza li, dwar dan il-punt, l-avviż ta' kompetizzjoni kien irriżerva espressament lill-Bord tal-Għażla u billi [impinġiet] ukoll fuq il-prerogattivi ta' awtonomija u ta' indipendenza tal-Bord tal-Għażla" (punt 71 tas-sentenza appellata).

7 Fl-aħħar nett, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li "l-analiżi tal-esperjenza professjonali [ta' FE] magħmula mill-Kummissjoni intiża sabiex tikkalkola, skont il-kriterji użati mis-servizzi ta' traduzzjoni tagħha, in-numru ta' paġni tradotti [minn FE] matul il-perijodu ta' attività tagħha bħala ġurista lingwista freelance mal-Qorti tal-Ġustizzja bħal li kieku kien xogħol ta' "traduttur" tal-Kummissjoni, anki jekk tiġi preżunta possibbli, ma hija bbażata fuq ebda dispożizzjoni legali rilevanti u direttament infurzabbli fil-konfront [ta' FE] u tikkostitwixxi, għalhekk, żball manifest min-naħa tal-Awtorità tal-Ħatra, li faċilment jista' jiġi skopert mit-Tribunal [għas-Servizz Pubbliku]" (punt 93 tas-sentenza appellata).

8 It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda wkoll dwar it-talba għall-kumpens ta' FE billi kkundanna lill-Kummissjoni tħallas is-somma ta' EUR 10 000 (punt 133 tas-sentenza appellata).

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u t-talbiet tal-partijiet

9 Permezz ta' nota ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-17 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni ppreżentat dan l-appell.

10 Fil-15 ta' Marzu 2016, FE ppreżentat ir-risposta.

11 B'ittra ppreżentata fl-4 ta' April 2016, il-Kummissjoni ppreżentat talba għal preżentazzjoni ta' replika.

12 Permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' April 2016, il-President tal-Awla tal-Appell laqa' din l-aħħar talba.

13 Fit-23 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni ppreżentat replika, skont l-Artikolu 201(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

14 Fis-6 ta' Lulju 2016, FE ppreżentat kontroreplika.

15 B'ittra ppreżentata fid-29 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni informat lill-Qorti Ġenerali li hija ma xtaqitx tinstema'. FE ma ppreżentatx talba għas-smigħ fit-terminu previst mill-Artikolu 207 tar-Regoli tal-Proċedura.

16 Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tiċħad ir-rikors ippreżentat minn FE fl-ewwel istanza bħala infondat;

– tiddeċiedi li kull waħda mill-partijiet għandha tbati l-ispejjeż tagħha relatati mal-ewwel istanza;

– tikkundanna lil FE għall-ispejjeż ta' din l-istanza.

17 FE titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad l-appell;

– tikkonferma s-sentenza tal-ewwel istanza;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

Fuq l-appell

18 Insostenn tal-appell, il-Kummissjoni tinvoka tliet aggravji, ibbażati, l-ewwel nett, fuq diversi żbalji ta' liġi u ta' żnaturament fl-interpretazzjoni tal-kundizzjoni għall-ammissjoni relatata mal-esperjenza professjonali minima, it-tieni nett, fuq żball ta' liġi fil-konklużjoni li l-Awtorità tal-Ħatra wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni, u t-tielet nett, fuq żball ta' liġi u ksur divers tal-obbligu ta' motivazzjoni fil-kundanna tal-Kummissjoni għall-ħlas ta' EUR 10 000 lil FE.

Fuq l-ewwel aggravju bbażat fuq diversi żbalji ta' liġi u żnaturament fl-interpretazzjoni tal-kundizzjoni għall-ammissjoni relatata mal-esperjenza professjonali minima

19 Fil-kuntest tal-ewwel aggravju, il-Kummissjoni ssostni li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku wettaq diversi żbalji ta' liġi u żnatura provi fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel motiv invokat minn FE fl-ewwel istanza, ibbażat fuq l-inkompetenza tal-Awtorità tal-Ħatra. Dan l-aggravju huwa maqsum fi tliet partijiet.

Fuq l-ewwel parti, ibbażat fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-kundizzjoni tal-esperjenza professjonali minima

20 Fil-punti 51 sa 53 u 56 tas-sentenza appellata, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda:

"51 [B'risposta għad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li meta avviż ta' kompetizzjoni jipprovdi, bħala kundizzjoni għall-ammissjoni għall-eżamijiet, esperjenza professjonali ta' tul minimu, dan il-perijodu ta' xogħol għandu jinftiehem, kemm mill-Bord tal-Għażla kif ukoll mill-kandidati, fis-sens li jirrigwarda, min-natura tiegħu, attività professjonali eżerċitata full-time], għandu qabel xejn jiġi rrilevat li, fil-kawżi ċċitati mill-Kummissjoni u li taw lok għas-sentenza tal-31 ta' Jannar 2006, Giulietti vs Il-Kummissjoni (T-293/03, EU:T:2006:37) u għad-digrieti tal-14 ta' Diċembru 2006, Klopfer vs Il-Kummissjoni (F-118/05, EU:F:2006:137), u tal-10 ta' Lulju 2014, Mészáros vs Il-Kummissjoni (F-22/13, EU:F:2014:189), il-qorti tal-Unjoni ċertament iddeċidiet li t-tul tal-esperjenza professjonali meħtieġa, anki fin-nuqqas ta' indikazzjoni preċiża fl-avviż ta' kompetizzjoni inkwistjoni, kellu jinftiehem bħala t-tul ta' esperjenza professjonali eżerċitata full-time. Madankollu, il-kawżi msemmija iktar 'il fuq, kienu jirrigwardaw attivitajiet professjonali eżerċitati fuq kollox bħala persuna impjegata u li għalhekk it-tul tagħhom seta' faċilment jiġi ddeterminat fid-dawl tal-kuntratti ta' xogħol jew tad-dikjarazzjonijiet ta' xogħol

tal-persuni li jimpjegaw. Min-naħa l-oħra, f'dan il-każ, għalkemm l-avviż ta' kompetizzjoni ċertament kien jirrikjedi tul minimu ta' sentejn ta' esperjenza professjonali fil-qasam tat-traduzzjoni jew, iktar probabbli, f'dak tat-traduzzjoni ġuridika, madankollu l-metodu ta' kunsiderazzjoni u ta' kalkolu, f'termini ta' tul, ta' esperjenza professjonali eżerċitata taħt l-istatus ta' ħaddiem li jaħdem għal rasu ma kinitx spjegata, minkejja li din it-tip ta' esperjenza ta' xogħol free-lance tikkorrispondi totalment għan-natura tal-funzjonijiet deskritti fl-avviż ta' kompetizzjoni.

52 Konsegwentement, fin-nuqqas ta' indikazzjoni espressa fl-avviż ta' kompetizzjoni dwar il-metodu ta' kalkolu tat-tul tal-esperjenza professjonali meħtieġa jew ta' kwalunkwe indikazzjoni utili oħra f'dan ir-rigward, ir-ratio juris ta' din il-kundizzjoni għall-ammissjoni, għal dak li jirrigwarda b'mod partikolari l-kandidati, [bħal FE], li jistgħu jipprevalixxu minn esperjenza speċifika ta' ġurist lingwist free-lance, ċertament ma setgħetx tkun dik li teħtieġ min-naħa ta' dawn il-kandidati, sabiex juru li din kienet attività professjonali ekwivalenti għal dik ta' xogħol eżerċitat full-time, li jkunu ttraduċew matul kull ġurnata ta' dan it-tip ta' xogħol matul il-perijodu ta' riferiment ta' sentejn numru partikolari ta' paġni ta' testi ġuridiċi. Fil-fatt, din il-kundizzjoni ma kinitx prevista fl-avviż ta' kompetizzjoni, la espliċitament u lanqas impliċitament, b'mod partikolari fid-dawl tal-kundizzjonijiet l-oħra li jinsabu fl-avviż ta' kompetizzjoni.

53 Għalhekk, fin-nuqqas fl-avviż ta' kompetizzjoni ta' kriterji jew ta' modalitajiet ta' kalkolu tal-esperjenza professjonali meħtieġa għall-ammissjoni fil-kompetizzjoni, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-Bord tal-Għażla, anki fil-każ fejn it-tul tal-esperjenza professjonali inkwistjoni kellu jirrigwarda dik ta' attività eżerċitata full-time, seta' jibbaża ruħu, għall-evalwazzjoni tal-ammissjoni [ta' FE] sabiex tipparteċipa fl-eżamijiet, […] fuq il-fatt li kellha tkun attività "professjonali" ta' ġurist lingwist – u għalhekk attività li ma setgħetx ikollha natura "okkażżjonali" u li kellha tirrigwarda prinċiparjament it-traduzzjoni ta' testi ġuridiċi – eżerċitata b'mod kostanti, jiġifieri matul tul sinjifikattiv ta' żmien, għas-servizz ta' klijent professjonali, persuna pubblika jew privata li, abbażi tal-kuntratt inkwistjoni, kellu d-dritt li jitlob traduzzjonijiet ta' testi ġuridiċi f'kull mument, u jekk ikun il-każ, f'termini imperattivi, preċiżament minħabba l-attività professjonali jew istituzzjonali tiegħu li tirrikjedi traduzzjonijiet ġuridiċi ta' ċertu livell.

[…]

56 Għalhekk, peress li din il-kundizzjoni għall-ammissjoni supplimentari ma tistax tingħata, fid-dawl tal-formulazzjoni f'dan ir-rigward silenzjuża tal-avviż ta' kompetizzjoni, portata differenti minn dik li ngħatat hawn fuq, taħt il-piena li tikser, fil-każ kuntrarju, il-prinċipju ta' ċertezza legali […] l-argument tal-Kummissjoni li t-tul minimu ta' sentejn ta' esperjenza professjonali għandu, fil-każ partikolari tal-kompetizzjoni, jinftiehem bħala li jirrigwarda, min-natura tiegħu, attività professjonali eżerċitata full-time, li għandha tiġi kkalkolata barra minn hekk skont il-modalitajiet li jinsabu fid-deċiżjoni kkontestata […] ma jistax jiġi aċċettat, fin-nuqqas fil-fatt li jiġi indikat fl-avviż ta' kompetizzjoni li, għal dak li jirrigwarda b'mod partikolari l-kandidati li jinvokaw esperjenza professjonali ta' ġurist lingwist free-lance, il-full-time inkwistjoni kellu jikkorrispondi neċessarjament għal dak ikkalkolat skont il-modalitajiet interni ta' din l-istituzzjoni jew, fi kwalunkwe każ, skont modalitajiet partikolari".

21 Il-Kummissjoni ssostni li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku wettaq żball ta' liġi meta ddeċieda li l-kundizzjoni li l-esperjenza professjonali minima għandha tinkiseb fuq bażi full-time ma tistax tkun meħtieġa fil-konfront ta' FE, għaliex ma kinitx espressament indikata fl-avviż ta' kompetizzjoni. Dan l-iżball wassal għall-annullament tas-sentenza appellata, għaliex ippermetta lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jiddeċiedi li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla ma kinitx illegali (punti 68 sa 70 u 73 sa 80 tas-sentenza appellata) u li għalhekk, l-Awtorità tal-Ħatra, peress li ddeċidiet li ma tirreklutax lil FE, eċċediet il-kompetenza tagħha (punt 71 tas-sentenza appellata) u b'hekk adottat deċiżjoni illegali (punt 82 tas-sentenza appellata).

22 FE tikkontesta dan l-argument u ssostni b'mod partikolari li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ma eskludiex il-ġurisprudenza dwar l-esperjenza professjonali minima, iżda applikaha billi addattaha għal partikolaritajiet ta' xogħol imwettaq bħala ħaddiem li jaħdem għal rasu. Dan jirriżulta b'mod partikolari mill-punti 53, 54 u 80 tas-sentenza appellata. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sempliċement ċaħad il-mod li bih l-Awtorità tal-Ħatra applikat din il-ġurisprudenza f'dan il-każ. Għalhekk, huwa osserva, minn naħa, il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' ugwaljanza fit-trattament, u min-naħa l-oħra, l-indipendenza tal-Bord tal-Għażla u s-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tiegħu kif ukoll l-irwol mogħti lil avviż ta' kompetizzjoni. Barra minn hekk, FE ppreċiżat li, f'dan il-każ, l-avviż ta' kompetizzjoni b'ebda mod ma kien jispeċifika l-mod li bih għandha tiġi evalwata l-esperjenza professjonali meħtieġa. Fil-fehma tagħha, fid-dawl tal-għan tal-kompetizzjoni, din l-esperjenza setgħet tinkiseb b'mod indipendenti.

23 F'dan ir-rigward, minn naħa, hemm lok li jitfakkar li r-rwol essenzjali ta' avviż ta' kompetizzjoni huwa li jinforma lill-persuni kkonċernati, b'mod l-iktar preċiż possibbli, dwar in-natura tal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-impjieg inkwistjoni sabiex, b'mod partikolari, ikunu f'pożizzjoni li jevalwaw jekk hemmx lok li jippreżentaw il-kandidatura tagħhom. L-Awtorità tal-Ħatra għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa sabiex tiddetermina l-kriterji ta' kapaċità meħtieġa għall-postijiet ta' xogħol li għandhom jimtlew u sabiex tispeċifika, fid-dawl ta' dawn il-kriterji u fl-interess tas-servizz, il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet ta' organizzazzjoni ta' kompetizzjoni (ara s-sentenza tal-31 ta' Jannar 2006, Giulietti vs Il-Kummissjoni, T-293/03, EU:T:2006:37, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Min-naħa l-oħra, l-avviż ta' kompetizzjoni jista' legalment sempliċement itenni, mingħajr ma jispeċifika l-livell ta' esperjenza meħtieġa għall-postijiet tax-xogħol, il-formulazzjoni ġenerali korrispondenti għall-Artikolu 5(1) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal") u jħalli, għalhekk, għall-Bord tal-Għażla, ir-responsabbiltà li jevalwa, każ b'każ, jekk il-kwalifiki u d-diplomi pprovduti kif ukoll l-esperjenza professjonali ppreżentata minn kull kandidat jikkorrispondux għal-livell meħtieġ mir-Regolamenti tal-Persunal, u għalhekk mill-avviż ta' kompetizzjoni, għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet li jaqgħu fil-kategorija prevista minn dan l-avviż (ara s-sentenza tal-31 ta' Jannar 2006, Giulietti vs Il-Kummissjoni, T-293/03, EU:T:2006:37, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 F'dan il-każ, il-punt A.II.2 tal-avviż ta' kompetizzjoni kien jistabbilixxi li, sabiex ikunu jistgħu jiġu ammessi għall-eżamijiet, il-kandidati kellhom, fid-data li fiha kienet tiskadi r-reġistrazzjoni għall-kompetizzjoni, jiġġustifikaw, "[w]ara l-istudji universitarji meħtieġa, esperjenza professjonali ta' mhux inqas minn sentejn". Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li l-imsemmi avviż la kien jispjega n-natura ta' din l-esperjenza professjonali u lanqas il-qasam li fih għandha tinkiseb. Bl-istess mod, kif jirriżulta wkoll mill-proċess tal-ewwel istanza, ebda spjegazzjoni oħra dwar il-mod li bih l-esperjenzi differenti għandhom jinkisbu ma kienet prevista fl-avviż ta' kompetizzjoni jew fil-gwida għall-kandidati (ĠU 2005, C 327 A, p. 3), li kien hemm riferiment għaliha fl-avviż ta' kompetizzjoni.

26 F'dan ir-rigward, fil-punt 70 tas-sentenza tal-31 ta' Jannar 2006, Giulietti vs Il-Kummissjoni (T-293/03, EU:T:2006:37), il-Qorti Ġenerali speċifikat li, f'każ bħal dak inkwistjoni, fejn kundizzjoni tal-avviż ta' kompetizzjoni kienet ifformulata f'termini ġenerali, il-Bord tal-Għażla kellu setgħa diskrezzjonali wiesgħa sabiex jiddefinixxi l-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-ammissjoni fil-kompetizzjoni, inkluż dik tat-tul tal-esperjenza professjonali meħtieġa.

27 Madankollu, il-Qorti Ġenerali spjegat, fil-punti 71 u 72 tas-sentenza tal-31 ta' Jannar 2006, Giulietti vs Il-Kummissjoni (T-293/03, EU:T:2006:37), li billi kien jeżiġi li l-attività professjonali titwettaq f'perijodu ta' żmien minimu, l-avviż ta' kompetizzjoni kien neċessarjament jeħtieġ l-eżerċizzju effettiv ta' din l-attività matul l-imsemmi perijodu, li għalhekk seta' jiġi interpretat biss bħala li jirreferi għal perijodu ta' xogħol fuq bażi full-time matul dan il-perijodu ta' żmien minimu jew għal perijodu ta' xogħol imwettaq magħmul f'perijodu jew perijodi ta' part-time ekwivalenti, f'termini ta' żmien ta' xogħol, għall-perijodu ta' żmien minimu fuq bażi full-time. Għaldaqstant, il-Bord tal-Għażla jista' jikkalkola u

jieħu inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-ammissjoni għall-kompetizzjoni ta' kandidati esterni, il-perijodi ta' esperjenza professjonali mhux esklużivi u part-time, bil-kundizzjoni li t-total tal-imsemmija perijodi jikkorrispondi għall-minimu tal-perijodu meħtieġ fuq bażi full-time.

28 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża li tat lok għas-sentenza tal-31 ta' Jannar 2006, Giulietti vs Il-Kummissjoni (T-293/03, EU:T:2006:37), ma setax jitqies li, peress li applika l-kriterju dwar ir-rekwiżit ta' xogħol fuq bażi full-time, il-Bord tal-Għażla kiser it-termini tal-avviż tal-kompetizzjoni jew impona kundizzjonijiet supplimentari li jmorru lil hinn mill-kundizzjonijiet għall-ammissjoni stabbiliti mill-imsemmi avviż (sentenza tal-31 ta' Jannar 2006, Giulietti vs Il-Kummissjoni, T-293/03, EU:T:2006:37, punt 76).

29 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li, peress li, f'dan il-każ, l-avviż ta' kompetizzjoni jeżiġi biss li l-attività professjonali titwettaq matul perijodu ta' tul minimu ta' sentejn, din il-kundizzjoni għandha tinftiehem bħala li tirreferi għal perijodu ta' xogħol imwettaq fuq bażi full-time għal sentejn jew għal perijodu ta' xogħol imwettaq għal perijodu jew perijodi fuq bażi part-time, jew taħt l-istatus ta' ħaddiem li jaħdem għal rasu, ekwivalenti, f'termini ta' żmien ta' xogħol, għal perijodu ta' sentejn full-time.

30 Din l-interpretazzjoni hija konformi mal-ġurisprudenza ċċitata mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-punt 51 tas-sentenza appellata u hija wkoll l-unika waħda li tiżgura l-applikazzjoni uniformi tal-proċedura ta' reklutaġġ għall-kandidati kollha tal-kompetizzjoni, peress li, skont jekk l-attività hijiex eżerċitata full-time, part-time, kwart taż-żmien jew b'jum fil-ġimgħa għal tliet snin, il-perijodu ta' attività meħtieġ jista' jvarja kunsiderevolment, li jista' jwassal, jekk ikun il-każ, għal inugwaljanza bejn il-kandidati fir-rigward tat-tul tal-esperjenza meħtieġa (sentenza tal-31 ta' Jannar 2006, Giulietti vs Il-Kummissjoni, T-293/03, EU:T:2006:37, punti 74 u 75).

31 It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku effettivament spjega b'mod korrett, fil-punti 51 u 52 tas-sentenza appellata, li f'dan il-każ, "[i]l-metodu ta' kunsiderazzjoni u ta' kalkolu, f'termini ta' tul, ta' esperjenza professjonali eżerċitata taħt l-istatus ta' ħaddiem li jaħdem għal rasu ma kinitx spjegata" u li għal fir-rigward ta' FE, ir-ratio juris tal-kundizzjoni għall-ammissjoni marbuta mat-tul tal-esperjenza professjonali meħtieġa "ċertament ma setgħetx tkun dik li teħtieġ min-naħa ta' dawn il-kandidati, sabiex juru li din kienet attività professjonali ekwivalenti għal dik ta' xogħol eżerċitat full-time, li jkunu ttraduċew matul kull ġurnata ta' dan it-tip ta' xogħol matul il-perijodu ta' riferiment ta' sentejn numru partikolari ta' paġni ta' testi ġuridiċi".

32 Madankollu, wara li fil-punt 53 tas-sentenza appellata, irrefera għar-rekwiżit li t-tul tal-esperjenza professjonali inkwistjoni kellu jkun dak ta' attività eżerċitata full-time, bħala sempliċi fatt, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda fil-punt 56 tal-istess sentenza, li "l-argument tal-Kummissjoni li t-tul minimu ta' sentejn ta' esperjenza professjonali [kellu], fil-każ partikolari tal-kompetizzjoni, jinftiehem bħala li jirrigwarda, min-natura tiegħu, attività professjonali eżerċitata full-time […] ma jistax jiġi aċċettat".

33 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat ukoll li l-konstatazzjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-punt 51 tas-sentenza appellata huma bbażati fuq qari żbaljat kemm tas-sentenza tal-31 ta' Jannar 2006, Giulietti vs Il-Kummissjoni (T-293/03, EU:T:2006:37), kif ukoll tal-avviż ta' kompetizzjoni. Fil-fatt, minn naħa, mill-imsemmija sentenza jirriżulta li l-esperjenza professjonali tar-rikorrenti li kienet is-suġġett tal-kawża ma kinitx eżerċitata taħt l-istatus ta' persuna impjegata u li għalhekk it-tul tagħha seta' kien faċilment iddeterminat fid-dawl tal-kuntratti ta' xogħol jew ta' dikjarazzjonijiet ta' xogħol minn persuni li jimpjegaw, iżda dik ta' president ta' bord ta' fondazzjoni, imwettaq fuq bażi volontarja u part-time u li ma kienx marbut ma' limiti ta' żmien jew ta' ħin, iżda kien eżerċitat b'mod parallel ma' attività oħra, ma setgħetx tittieħed inkunsiderazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-31 ta' Jannar 2006, Giulietti vs Il-Kummissjoni T-293/03, EU:T:2006:37, punti 11 sa 14, 61, 81 u 82). Għaldaqstant, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sostna, b'mod żbaljat, li d-differenza fir-rigward taċ-ċirkustanzi li wasslu għall-adozzjoni tal-imsemmija sentenza tinsab, f'dan

il-każ, fil-"metodu ta' kunsiderazzjoni u ta' kalkolu, f'termini ta' tul, ta' esperjenza professjonali eżerċitata taħt l-istatus ta' ħaddiem li jaħdem għal rasu ma kinitx spjegata, minkejja li din it-tip ta' esperjenza ta' xogħol freelance tikkorrispondi totalment għan-natura tal-funzjonijiet deskritti fl-avviż ta' kompetizzjoni". Fil-fatt, fl-imsemmija kawża wkoll, l-avviż ta' kompetizzjoni ma pprovda lill-Bord tal-Għażla ebda indikazzjoni preċiża dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-kundizzjoni ta' tul minimu tal-esperjenza professjonali preċedenti jew dwar il-metodu li tittieħed inkunsiderazzjoni kwalunkwe esperjenza li ma twettqitx bħala persuna impjegata jew full-time (sentenza tal-31 ta' Jannar 2006, Giulietti vs Il-Kummissjoni, T-293/03, EU:T:2006:37, punti 3 u 70).

34 Min-naħa l-oħra, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonstata b'mod żbaljat li f'dan il-każ, l-avviż ta' kompetizzjoni jeħtieġ tul minimu ta' sentejn ta' esperjenza professjonali "fil-qasam tat-traduzzjoni jew, iktar probabbli, f'dak tat-traduzzjoni ġuridika". Fil-fatt, l-avviż ta' kompetizzjoni kien jipprovdi biss li l-kandidati kellhom jiġġustifikaw "[w]ara l-istudji universitarji meħtieġa, esperjenza professjonali ta' mhux inqas minn sentejn […]", mingħajr speċifika l-qasam tal-esperjenza meħtieġa.

35 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li billi ddeċieda, b'mod partikolari, fil-punt 56 tas-sentenza appellata, li fin-nuqqas ta' spjegazzjonijiet f'dan is-sens fl-avviż ta' kompetizzjoni, il-Bord tal-Għażla ma kellux jinterpreta l-kundizzjoni tat-tul minimu ta' sentejn ta' esperjenza professjonali bħala li tirrigwarda attività full-time, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku wettaq żball ta' liġi.

36 Tali żball ta' liġi ma jistax, madankollu, f'din il-kawża, iwassal fih innifsu għall-annullament tas-sentenza appellata. Sabiex jiġi ddeterminat jekk dan għandux ikun il-każ, għandu jiġi vverifikat jekk l-evalwazzjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kinux effettivament sussegwentement ivvizzjati bil-premessa żbaljata li dan stabbilixxa fil-punt 56 tas-sentenza appellata.

Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju, ibbażata fuq żball ta' liġi fid-definizzjoni mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, tar-relazzjonijiet bejn il-Bord tal-Għażla u l-Awtorità tal-Ħatra

37 Il-Kummissjoni tikkontesta l-punti 38 u 71 tas-sentenza appellata, li fihom it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda essenzjalment li, billi ddeċidiet, fl-istadju ta' reklutaġġ, li teskludi lil FE mil-lista ta' riżerva għal motivi ta' ammissjoni li ma jinsabux fl-avviż ta' kompetizzjoni, l-Awtorità tal-Ħatra eċċediet il-limiti tal-kompetenzi tagħha fil-qasam tal-verifika tal-osservanza tal-kundizzjoni għall-ammissjoni supplimentari fir-rigward tal-esperjenza professjonali.

38 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni li l-adozzjoni mill-Awtorità tal-Ħatra tad-deċiżjoni kkontestata ma setgħetx titqies bħala interferenza fil-kompetenzi tal-Bord tal-Għażla, fid-dawl tal-fatt li din id-deċiżjoni kienet neċessarja sabiex tikkoreġi illegalità mwettqa minnu, peress li l-Awtorità tal-Ħatra ma tistax tkun marbuta b'deċiżjonijiet tal-Bord tal-Għażla vvizzjati b'illegalità.

39 FE tirribatti li l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata, li fiha t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ġustament qies, minn naħa, li ma kien hemm ebda raġuni sabiex tingħata preferenza lill-metodu ta' kalkolu ta' istituzzjoni waħda jew oħra, bħal pereżempju dak tal-Kummissjoni, u min-naħa l-oħra, li l-evalwazzjoni ta' din l-esperjenza magħmula mill-Bord tal-Għażla kienet iktar plawżibbli minn dik magħmula mill-Awtorità tal-Ħatra. Fi kwalunkwe każ, l-argumenti mressqa mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' din il-parti b'ebda mod ma jwasslu sabiex tintlaqa' t-talba tagħha li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kien żbaljat meta kkonkluda li l-Awtorità tal-Ħatra kienet eċċediet il-kompetenzi tagħha. Fil-fatt, il-konstatazzjoni li l-Awtorità tal-Ħatra kienet eċċediet il-kompetenzi tagħha bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata kienet il-konsegwenza inevitabbli u neċessarja tal-fatt li l-Bord tal-Għażla ma wettaq ebda żball manifest ta' evalwazzjoni.

40 F'dan ir-rigward, mill-eżami tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju jirriżulta li, minn naħa, il-kundizzjoni tal-esperjenza professjonali minima f'dan il-każ għandha tinftiehem bħala esperjenza professjonali li kienet eżerċitata full-time, u li min-naħa l-oħra, sabiex jivverifika jekk il-kandidati kinux jissodisfaw din il-kundizzjoni, il-Bord tal-Għażla kellu setgħa diskrezzjonali wiesgħa.

41 Fil-punt 66 tas-sentenza appellata, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li l-Awtorità tal-Ħatra ma kellhiex "il-kompetenza sabiex tkun tista' tneħħi b'mod leġittimu, a posteriori, mil-lista ta' riżerva stabbilita mill-Bord tal-Għażla kandidat li għadda minn kompetizzjoni li ma jkunx osserva kundizzjoni għall-ammissjoni li ma tinsabx fl-avviż ta' kompetizzjoni li hija stess tkun adottat u li lanqas ma tinsab f'dispożizzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal jew f'xi test legali ieħor infurzabbli fil-konfront tal-kandidati".

42 Fil-fatt, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies li l-illegalità invokata mill-Awtorità tal-Ħatra kontra FE ma kinitx ser tirriżulta "minn żball manifest li l-Bord tal-Għażla wettaq fl-evalwazzjoni ta' kundizzjoni għall-ammissjoni speċifika prevista mill-avviż ta' kompetizzjoni jew li tinsab f'dispożizzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal, iżda tirriżulta mill-iżball imwettaq mill-Awtorità tal-Ħatra stess li ma ppreveditx, fl-avviż ta' kompetizzjoni, il-klawżola supplimentari li l-esperjenza professjonali minima ta' sentejn meħtieġa għall-ammissjoni għall-eżamijiet kellha tkun esperjenza professjonali eżerċitata full-time matul sentejn u kellha tkun ikkalkolata skont kriterji speċifiċi stabbiliti b'mod ċar minn qabel, li n-nuqqas ta' osservanza tagħhom twassal għan-nuqqas ta' ammissjoni għall-parteċipazzjoni fl-eżamijiet tal-kompetizzjoni". Huwa qies ukoll li d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra f'dan il-każ kienet tammonta għal "regolarizzazzjoni, ex post, tal-avviż ta' kompetizzjoni […] waqt ir-reklutaġġ" (punt 67 tas-sentenza appellata).

43 Din il-konklużjoni hija kkonfermata fil-punt 68 tas-sentenza appellata, fejn it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku spjega, essenzjalment, li sabiex il-kundizzjoni inkwistjoni f'dan il-każ tkun tista' titqies bħala esperjenza professjonali full-time għal sentejn, "biex b'hekk kienet tinħoloq modalità ġuridikament vinkolanti kemm għall-Bord tal-Għażla kif ukoll għal kandidati u li n-nuqqas ta' osservanza tagħha minnhom kien iwassal għall-eliminazzjoni tagħhom mill-kompetizzjoni", l-Awtorità tal-Ħatra kellha tindika dan debitament fl-avviż ta' kompetizzjoni.

44 Abbażi ta' din il-konklużjoni, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda, minn naħa, li d-deċiżjonijiet rispettivi tal-Bord tal-Għażla u tal-Awtorità tal-Ħatra sempliċement irriflettew differenza bejn il-metodu tal-Bord tal-Għażla li jikkalkola l-esperjenza professjonali minima preskritta mill-avviż ta' kompetizzjoni u l-metodu ta' kalkolu full-time skont kriterji speċifiċi użati mill-Awtorità tal-Ħatra, u min-naħa l-oħra li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni ma kinitx ipprovdiet prova ta' nuqqas manifest, min-naħa tal-Bord tal-Għażla, li jivverifika jekk il-kundizzjoni għall-ammissjoni tal-esperjenza professjonali kinitx issodisfatta fir-rigward ta' FE (punti 68 sa 70 tas-sentenza appellata).

45 Għalhekk, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonkluda li, billi addottat id-deċiżjoni kkontestata, l-Awtorità tal-Ħatra kienet eċċediet il-kompetenza tagħha fil-qasam tal-verifika tal-osservanza tal-kundizzjoni għall-ammissjoni supplimentari fir-rigward tal-esperjenza professjonali, billi [impinġiet fuq] il-kompetenza li l-avviż ta' kompetizzjoni kien irriżerva espressament lill-Bord tal-Għażla, kif ukoll fuq il-prerogattivi ta' awtonomija u ta' indipendenza tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni (punt 71 tas-sentenza appellata).

46 Madankollu, kif ġie deċiż fil-kuntest tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju, il-kundizzjoni għall-ammissjoni tal-esperjenza professjonali minima ta' sentejn, mifhuma fis-sens li tirrigwarda attività professjonali eżerċitata full-time, setgħet tiġi invokata f'dan il-każ, mingħajr ma dan kien speċifikat fl-avviż ta' kompetizzjoni.

47 Minn dan isegwi li fil-punt 71 tas-sentenza appellata, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku wettaq żball ta' liġi.

48 Għaldaqstant it-tieni parti tal-ewwel aggravju għandha tintlaqa'.

Fuq it-tielet parti tal-ewwel aggravju, ibbażata fuq żball ta' liġi fid-definizzjoni, mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, tal-kundizzjonijiet ta' żball manifest ta' evalwazzjoni tal-Bord tal-Għażla, fuq żnaturament tal-atti tal-proċess u fuq żball ta' liġi fil-kunsiderazzjoni li l-applikazzjoni tal-metodu ta' kalkolu tal-esperjenza professjonali applikat mill-Kummissjoni kien illegali

49 Il-Kummissjoni tikkontesta l-punti 57 sa 82 tas-sentenza appellata, li jirrigwardaw l-eżami mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, f'din l-ordni, tal-metodu ta' kalkolu tat-tul minimu ta' sentejn ta' esperjenza professjonali, tas-setgħa tal-Awtorità tal-Ħatra li teskludi lil FE mil-lista ta' riżerva tal-kandidati li għaddew mill-kompetizzjoni kif ukoll tal-iżball manifest eventwalment imwettaq mill-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni fl-evalwazzjoni tat-tul tal-esperjenza professjonali ta' FE. Skont il-Kummissjoni, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies b'mod żbaljat li ebda żball manifest ma ġie pprovat fid-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-ammissjoni ta' FE għall-kompetizzjoni.

50 Fil-punt 70 tas-sentenza appellata, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies li l-Kummissjoni ma kinitx ipprovdiet il-prova ta' "nuqqas manifest min-naħa tal-Bord tal-Għażla [li jieħu inkunsiderazzjoni l-kundizzjoni għall-ammissjoni tal-esperjenza professjonali] jew fi kwalunkwe każ, il-prova ta' ammissjoni għall-eżamijiet tal-kompetizzjoni [ta' FE] li kienet ġiet deċiża mill-Bord tal-Għażla b'mod manifestament arbitrarju fir-rigward tat-termini tal-avviż ta' kompetizzjoni" u li "xejn ma jippermetti li jiġi affermat li l-Bord tal-Għażla ma eżaminax […] id-dokumenti [ppreżentati minn FE], pereżempju abbażi tal-kriterju indikat fil-punti 53 u 55 [tas-sentenza appellata]".

51 Permezz tal-ewwel ilment, il-Kummisssjoni ssostni li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku wettaq żball ta' liġi. Minflok ma kkunsidra jekk l-argumenti mressqa mill-Kummissjoni setgħux jimminaw il-plawżibbiltà tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla, huwa identifika kriterji li fil-fehma tiegħu, ippermettewlu jikkonkludi li l-Bord tal-Għażla kien inħeles mill-obbligu tiegħu li jikkalkola l-esperjenza professjonali ta' FE. Barra minn hekk, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku eżiġa b'mod żbaljat prova ta' nuqqas manifest ta' kalkolu tal-esperjenza professjonali jew ta' ammissjoni manifestament arbitrarja għall-kompetizzjoni min-naħa tal-Bord tal-Għażla.

52 Skont FE, dan l-ilment huwa inammissibbli inkwantu jikkritika l-konstatazzjonijiet ta' fatt. Rigward il-mertu, hija ssostni li kienet fil-fatt l-Awtorità tal-Ħatra li kellha tipproduċi prova li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla kienet ivvizzjata bi żball manifest, peress li fil-prinċipju din tibbenefika minn preżunzjoni ta' legalità, li jiġġustifika wkoll il-verifika limitata tal-Awtorità tal-Ħatra. Fil-fehma tagħha, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku wettaq proprju dan l-eżami ta' żball manifest, b'mod partikolari fil-punti 72 sa 82 tas-sentenza appellata, fid-dawl tal-fatturi li huwa kien identifika, abbażi tal-avviż ta' kompetizzjoni, fil-punti 53 sa 55 tal-istess sentenza. Fl-aħħar nett, FR tirrileva n-natura kontradittorja tal-argumenti tal-Kummissjoni.

53 Għandu jiġi osservat li, b'dan l-ilment, il-Kummissjoni ma tikkontestax il-konstatazzjonijiet fattwali magħmula mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fis-sentenza appellata u li jirrigwardaw l-iżball manifest ta' evalwazzjoni, iżda l-konklużjonijiet tiegħu dwar l-obbligi tal-Bord tal-Għażla kif ukoll l-oneru tal-prova tal-Kummissjoni. Dawn il-konstatazzjonijiet iqajmu kwistjonijiet ta' liġi li huma suġġetti għall-istħarriġ tal-qorti tal-appell.

54 Kif ġie deċiż fil-kuntest tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju u kif fakkar it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-punt 80 tas-sentenza appellata, il-Bord tal-Għażla għandu f'dan il-każ setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tal-ekwivalenza, f'termini ta' żmien ta' xogħol, bejn attività eżerċitata f'ħinijiet varji fuq bażi freelance u xogħol full-time.

55 Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita, għalkemm l-Awtorità tal-Ħatra ma għandhiex is-setgħa li tannulla jew li temenda deċiżjoni adottata minn Bord tal-Għażla ta' kompetizzjoni, madankollu, hija marbuta, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħha stess, tadotta deċiżjonijiet li ma humiex illegali. Għaldaqstant, hija ma tistax tkun marbuta b'deċiżjonijiet ta' Bord tal-Għażla li l-illegalità tagħhom tista', konsegwentement, tivvizzja d-deċiżjonijiet tagħha stess. Huwa għalhekk li l-Awtorità tal-Ħatra għandha l-obbligu tivverifika, qabel ma tinnomina lil persuna bħala uffiċjal, jekk din tissodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa għal dan il-għan. Meta l-Bord tal-Għażla jawtorizza b'mod żbaljat il-parteċipazzjoni ta' kandidat f'kompetizzjoni u jinkludih sussegwentement fil-lista ta' riżerva, l-Awtorità tal-Ħatra għandha tirrifjuta l-ħatra ta' dan il-kandidat permezz ta' deċiżjoni motivata, li tippermetti lill-qorti tal-Unjoni tevalwa l-fondatezza tagħha (ara s-sentenza tal-15 ta' Settembru 2005, Luxem vs Il-Kummissjoni, T-306/04, EU:T:2005:326, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

56 Fid-dawl tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandu l-Bord tal-Għażla sabiex jiddetermina jekk l-esperjenza professjonali preċedenti tal-kandidati tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-ammissjoni fil-kompetizzjoni, l-Awtorità tal-Ħatra fil-kuntest tal-verifika dwar ir-regolarità tad-deċiżjonijiet ta' Bord tal-Għażla, għandha tillimita ruħha għal verifika li l-eżerċizzju mill-Bord tal-Għażla tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu ma kienx ivvizzjat bi żball manifest.

57 Dwar dan l-aħħar punt, ġie deċiż li żball jista' biss jiġi kkwalifikat bħala manifest meta jkun jista' jiġi identifikat b'faċilità fid-dawl tal-kriterji li għalihom il-leġiżlatur kellu l-intenzjoni jissuġġetta l-eżerċizzju mill-amministrazzjoni tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tiegħu. Konsegwentement, sabiex jiġi stabbilit li twettaq żball manifest fl-evalwazzjoni tal-fatti li huwa ta' natura li jiġġustifika l-annullament ta' deċiżjoni, huwa neċessarju li jintwera li l-evalwazzjonijiet adottati fid-deċiżjoni kkontestata ma humiex plawżibbli. Fi kliem ieħor, ma jistax ikun hemm żball manifest jekk l-evalwazzjoni inkwistjoni tista' tiġi aċċettata bħala ġenwina jew valida (ara s-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2012, Eklund vs Il-Kummissjoni, F-57/11, EU:F:2012:145, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 L-ewwel nett, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li qabel ma nnominat lil FE, l-Awtorità tal-Ħatra, minn naħa, kellha l-obbligu li tivverifika d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla li taċċettaha fil-kompetizzjoni, u min-naħa l-oħra, kellha tirrifjuta li tinnominaha li kieku qieset li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla kienet ivvizzjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni.

59 F'dan il-każ, il-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni ddeċieda favur l-ammissjoni ta' FE għall-kompetizzjoni. Minkejja li din id-deċiżjoni ma kinitx motivata, għandu jiġi dedott li huwa qies li l-kandidata kienet ipproduċiet prova li hija tissodisfa l-kundizzjoni għall-ammissjoni relatata mal-esperjenza professjonali preċedenti minima.

60 F'dan il-kuntest, u għall-kuntrarju ta' dak li kkonstata t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-punti 69 u 70 tas-sentenza appellata, ma hijiex l-Awtorità tal-Ħatra li għandha tipprova b'mod speċifiku li l-Bord tal-Għażla ma kienx eżamina affattu jekk FE kinitx tissodisfa l-kundizzjoni tal-esperjenza professjonali minima, iżda għandha min-naħa l-oħra tivverifika jekk dan kienx ħa inkunsiderazzjoni l-fatt li parti sinjifikattiva minn din l-esperjenza kienet twettqet fuq bażi ta' freelance u jekk, mingħajr ma wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni, ikkalkolax din l-esperjenza f'termini ta' xogħol full-time.

61 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li n-nuqqas ta' informazzjoni dwar l-evalwazzjonijiet tal-Bord tal-Għażla ma jistax jipprekludi lill-Awtorità tal-Ħatra milli tqis li d-deċiżjoni li ħa, jiġifieri dik li jaċċetta lil FE fil-kompetizzjoni, tista' tkun ivvizzjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni.

62 Għalhekk, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ma setax, mingħajr ma jwettaq żball ta' liġi, jikkonkludi li l-Awtorità tal-Ħatra kienet tkun kompetenti sabiex tadotta d-deċiżjoni kkontestata biss fil-każ fejn kien manifest li l-Bord tal-Għażla kien naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni l-kundizzjoni għall-ammissjoni

tal-esperjenza professjonali u milli jikkalkola t-tul tagħha jew anki fil-każ li l-Bord tal-Għażla ddeċieda li jaċċetta lil FE għall-eżamijiet tal-kompetizzjoni b'mod manifestament arbitrarju fir-rigward tat-termini tal-avviż ta' kompetizzjoni.

63 It-tieni nett, fir-rigward tal-punti 53 u 55 tas-sentenza appellata, li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jirreferi għalihom fil-punt 70 tal-istess sentenza, huwa kkonstata li, sabiex jiġi evalwat jekk FE għandhiex tiġi ammessa sabiex tipparteċipa fl-eżamijiet, il-Bord tal-Għażla seta' jibbaża ruħu, b'mod partikolari, "fuq il-fatt li kellha tkun attività 'professjonali' ta' ġurist lingwist – u għalhekk attività li ma setgħetx ikollha natura 'okkażżjonali' u li kellha tirrigwarda prinċiparjament it-traduzzjoni ta' testi ġuridiċi – eżerċitata b'mod kostanti, jiġifieri matul tul sinjifikattiv ta' żmien, għas-servizz ta' klijent professjonali, persuna pubblika jew privata li, abbażi tal-kuntratt inkwistjoni, kellu d-dritt li jitlob traduzzjonijiet ta' testi ġuridiċi f'kull mument, u jekk ikun il-każ, f'termini imperattivi, preċiżament minħabba l-attività professjonali jew istituzzjonali tiegħu li tirrikjedi traduzzjonijiet ġuridiċi ta' ċertu livell", u li "kien il-Bord tal-Għażla li kellu […] jevalwa, b'mod differenti, in-natura professjonali tal-esperjenza miksuba skont jekk din kinitx attività eżerċitata bħala 'tradut[tur] free-lance' jew bħala 'ġurist lingwist free-lance', b'mod partikolari meta din it-tieni attività kienet twettqet għal istituzzjoni tal-Unjoni li, bħall-Qorti tal-Ġustizzja, titlob lill-fornituri tagħha biss it-traduzzjoni ta' testi li jkollhom kontenut esklużivament ġuridiku".

64 Kif issostni l-Kummissjoni, dawn il-kriterji għall-ammissjoni ma setgħux ikunu rilevanti fl-evalwazzjoni tal-kundizzjoni tat-tul tal-esperjenza professjonali preċedenti f'dan il-każ. Fil-fatt, minn naħa, skont l-avviż ta' kompetizzjoni, il-kandidati kellhom jipproduċu prova ta' tul minimu ta' esperjenza professjonali u mhux esperjenza fil-qasam tat-traduzzjoni ta' testi ġuridiċi (ara wkoll il-punt 34 hawn fuq). Barra minn hekk, l-avviż ta' kompetizzjoni ma jipprovdi ebda istruzzjoni dwar in-natura tal-esperjenza professjonali minima meħtieġa jew dwar il-funzjonijiet eżerċitati, kif fakkar it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku stess fil-punt 46 tas-sentenza appellata. Min-naħa l-oħra, billi identifika l-imsemmija kriterji, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda dwar il-karatteristiċi u l-obbligi tal-attività ta' ġurista lingwista kif ukoll dwar id-differenzi bejn l-attivitajiet ta' "traduttur freelance" u ta' "ġurista lingwista freelance", mingħajr madankollu ma bbaża l-konklużjonijiet tiegħu fuq l-elementi tal-proċess.

65 Għaldaqstant, billi identifika, fil-punti 53 u 55 tas-sentenza appellata, il-kriterji għall-evalwazzjoni tal-kundizzjoni għall-ammissjoni inwkistjoni, li ma kinux parti mill-fajl ippreżentat mill-partijiet fl-ewwel istanza, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku wettaq żball ta' liġi.

66 It-tielet nett, hemm lok li jiġi kkonstatat li, fil-punti 73 sa 82 tas-sentenza appellata, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku applika barra minn hekk il-kriterji identifikati fil-punti 53 u 55 tal-imsemmija sentenza fil-kuntest tal-eżami tal-"iżball manifest eventwalment imwettaq mill-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni fl-evalwazzjoni tat-tul tal-esperjenza professjonali [ta' FE]", u dan mingħajr ma wieġeb b'mod validu għall-argumenti tal-Kummissjoni mressqa dwar dan il-punt u miġbura fil-qosor fil-punt 76 tas-sentenza appellata. Fit-tmiem ta' dan l-eżami, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonkluda li l-Kummissjoni ma kinitx ipproduċiet prova li l-Bord tal-Għażla kien wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni fil-kalkolu tal-esperjenza professjonali ta' FE (punt 81 tas-sentenza appellata).

67 L-iżbalji ta' liġi mwettqa mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-punti 53, 55 u 56 tas-sentenza appellata kif ġew identifikati fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel parti u ta' dan l-ilment tat-tielet parti tal-ewwel aggravju vvizzjaw ukoll bi żball ta' liġi l-evalwazzjoni tiegħu li permezz tagħha fil-punti 75 sa 81 ta' dik l-istess sentenza, huwa ddeċieda li l-Kummissjoni lanqas ma kienet ipproduċiet prova li l-Bord tal-Għażla kien wettaq żball manifest fil-kalkolu tat-tul tal-esperjenza professjonali ta' FE. Fil-fatt, ir-raġunijiet li fuqhom it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku bbaża ruħu ma kinux jissostanzjaw validament din il-konklużjoni.

68 Permezz tat-tieni lment, il-Kummissjoni ssostni li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku żnatura l-provi fil-fajl, peress li dawn ma setgħux iwasslu għad-deċiżjoni, fil-punti 61 u 77 tas-sentenza appellata, li ma kien hemm ebda raġuni li tattesta li l-Bord tal-Għażla ma kienx ħa inkunsiderazzjoni n-natura freelance tax-xogħol ta' FE.

69 Kif issostni FE, dan l-ilment għandu jiġi miċħud. Fil-fatt, il-Kummissjoni ma pproduċiet ebda prova dwar kwalunkwe kalkolu min-naħa tal-Bord tal-Għażla tal-esperjenza professjonali ta' FE li tippermetti li jiġi kkonstatat li huwa la kkalkola effettivament din l-esperjenza f'termini ta' xogħol full-time, possibbilment b'metodu differenti minn dak użat mill-Awtorità tal-Ħatra, u lanqas evalwa din l-esperjenza abbażi ta' kriterji oħra, pereżempju dawk li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku espona fil-punti 53 sa 55 tas-sentenza appellata.

70 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-evalwazzjoni tal-fatti mill-qorti tal-ewwel istanza, bla ħsara għall-każ ta' żnaturament tal-provi mressqa quddiemha, ma tikkostitwixxix kwistjoni ta' liġi suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti Ġenerali. Tali żnaturament għandu jirriżulta manifestament mill-atti tal-proċess, mingħajr ma jkun neċessarju li ssir evalwazzjoni mill-ġdid tal-fatti u tal-provi (ara s-sentenza tal-4 ta' Lulju 2014, Kimman vs Il-Kummissjoni, T-644/11 P, EU:T:2014:613, punt 105 u l-ġurisprudenza ċċitata). Madankollu, minkejja li l-Kummissjoni tinvoka żnaturament tal-proċess, fir-realtà hija tfittex li tikseb evalwazzjoni ġdida tal-fatti, li taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-istħarriġ tal-qorti ta' appell.

71 It-tielet ilment tat-tielet parti huwa bbażat fuq żball ta' liġi fil-konklużjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, fil-punti 57 sa 61 tas-sentenza appellata, li tipprovdi li l-Bord tal-Għażla ma kellux l-obbligu li japplika l-kriterju ta' konverżjoni ta' paġni tradotti f'jiem ta' xogħol, kif applikat mill-Awtorità tal-Ħatra. Skont il-Kummissjoni, ix-xogħol invokat minn FE kien effettivament xogħol ta' traduzzjoni.

72 Skont FE, din il-parti hija inammissibbli. Dwar il-mertu, hija ssostni li, fin-nuqqas ta' regoli preċiżi fl-avviż ta' kompetizzjoni u fil-gwida għall-kandidati, il-Bord tal-Għażla seta' japplika l-kriterji għall-eżami tat-tul ta' esperjenza professjonali li huwa stess kien stabbilixxa għal dan l-għan.

73 Dan l-ilment għandu jiġi miċħud. Kif ġie deċiż fil-punt 35 iktar 'il fuq, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku wettaq żball ta' liġi billi ddeċieda, fil-punt 56 tas-sentenza appellata, li l-Bord tal-Għażla ma kellux l-obbligu li jikkalkola t-tul tal-esperjenza professjonali f'termini ta' xogħol full-time.

74 Madankollu, għandu jiġi speċifikat li, fil-kuntest tal-kundizzjoni għall-ammissjoni hekk iddefinita, il-Bord tal-Għażla kien liberu li japplika kull metodu ta' kalkolu li jippermettilu jikkalkola l-perijodu tal-esperjenza professjonali ta' FE f'termini ta' xogħol full-time. Konsegwentement, l-argument tal-Kummissjoni li l-kriterju ta' konverżjoni ta' paġni tradotti f'jiem ta' xogħol huwa obbligatorju ma jistax jintlaqa'.

75 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, hemm lok, minn naħa, li l-ewwel u t-tieni parti kif ukoll l-ewwel ilment tat-tielet parti jiġu milqugħa, u min-naħa l-oħra, li t-tieni u t-tielet ilment tat-tielet parti tal-ewwel aggravju jiġu miċħuda, bħala li huma inammissibbli u infondati rispettivament.

76 L-iżbalji ta' liġi kkonstatati fil-punti 35, 47, 62, 65 u 67 iktar 'il fuq ma jippermettux madankollu l-annullament tas-sentenza appellata inkwantu t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku laqa' wkoll it-tieni motiv invokat minn FE fl-ewwel istanza b'mod sussidjarju, billi ddeċieda li l-Awtorità tal-Ħatra kienet wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni (punti 83 sa 94 tas-sentenza appellata).

Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi fil-konklużjoni li l-Awtorità tal-Ħatra kienet wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni

77 Fil-punti 91 sa 93 tas-sentenza appellata, li fihom it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda dwar it-tieni motiv ibbażat b'mod partikolari fuq żball manifest ta' evalwazzjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonstata li l-metodu ta' kalkolu tat-tul tal-esperjenza professjonali applikat mill-Awtorità tal-Ħatra "ma kienx imniżżel fil-[Komunikazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni SEC (2004), 638, tal-25 ta' Mejju 2004, dwar il-bżonnijiet f'termini ta' traduzzjoni] bħala kriterju mandatarju ta' selezzjoni għall-ammissjoni għall-eżamijiet ta' kompetizzjoni intiża b'mod speċifiku għar-reklutaġġ ta' ġuristi lingwisti", "ma kienx jinsab fl-avviż ta' kompetizzjoni", "lanqas ma kien is-suġġett ta' pubblikazzjoni aċċessibbli jew neċessarjament magħrufa mill-Bord tal-Għażla jew mill-kandidati kkonċernati", "ma jikkorrispondix għall-kriterji użati mis-servizzi ta' traduzzjoni ta' istituzzjonijiet oħra li għandhom aċċess għal-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni għar-reklutaġġ, jekk ikun il-każ, tal-ġuristi lingwisti tagħhom" u għalhekk dan ma kienx "komuni għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni". Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonkluda li l-Awtorità tal-Ħatra "ma setgħetx tuża metodu ta' kalkolu esklużivament intern għall-Kummissjoni u konsegwentement mhux interistituzzjonali, li jirriżulta għalhekk irrilevanti, peress li dan il-każ jinvolvi r-reklutaġġ ta' ġuristi lingwisti, u mhux vinkolanti fil-konfront ta' persuni esterni għall-istituzzjoni".

78 Fil-punt 93 tas-sentenza appellata, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda għalhekk li l-analiżi tal-Kummissjoni, "anki jekk tiġi preżunta possibbli, ma hija bbażata fuq ebda dispożizzjoni legali rilevanti u direttament infurzabbli fil-konfront [ta' FE] u tikkostitwixxi, għalhekk, żball manifest min-naħa tal-Awtorità tal-Ħatra, li faċilment jista' jiġi skopert mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku", u laqa' t-tieni motiv invokat minn FE quddiemha.

79 Skont il-Kummissjoni, in-nuqqas ta' previżjoni fl-avviż ta' kompetizzjoni ta' metodu ta' kalkolu ta' esperjenza professjonali ma jistax jipprekludi lill-Bord tal-Għażla milli japplikah. Barra minn hekk, il-problema eventwali tan-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjoni relatata mal-esperjenza professjonali tista' tkun invokata sal-mument tar-reklutaġġ. Addizzjonalment, in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-kriterji ta' kalkolu jmur manifestament kontra r-rekwiżit ta' ugwaljanza fit-trattament tal-kandidati. Fl-aħħar nett, il-konklużjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku hija kontradittorja, u għalhekk tikser l-obbligu ta' motivazzjoni, inkwantu fil-punt 93 tas-sentenza appellata huwa rrikonoxxa li l-applikazzjoni tal-kriterji ta' konverżjoni tal-Kummissjoni setgħet titqies bħala "possibbli", li fis-sens tal-ġurisprudenza dwar il-kunċett ta' żball manifest ta' evalwazzjoni, teskludi tali żball.

80 FE teċepixxi li, fin-nuqqas ta' metodu ta' kalkolu fid-dispożizzjonijiet rilevanti, is-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu japplikaw dawn il-metodi arbitrarji u mhux trasparenti, filwaqt li l-Bord tal-Għażla huwa marbut b'dawn id-dispożizzjonijiet. Barra minn hekk, in-natura interna jew interistituzzjonali tar-regola ta' konverżjoni hija irrilevanti għall-evalwazzjoni tal-motivi tas-sentenza appellata li hija bbażata fuq infurzabbiltà ta' din ir-regola. Fl-aħħar nett, ir-riferiment għan-natura "possibbli" tal-analiżi tal-esperjenza professjonali ta' FE huwa fattur retoriku li jindika n-natura purament ipotetika tal-preżunzjoni kif ukoll tan-natura superfluwa tal-argumenti l-oħra mressqa minn FE fit-tieni motiv tar-rikors tagħha fl-ewwel istanza.

81 Għandu jiġi rrilevat li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku bbaża l-konklużjoni tiegħu li tgħid li l-Awtorità tal-Ħatra kienet wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni fuq il-konstatazzjoni li l-metodu ta' kalkolu użat minn din tal-aħħar, jiġifieri l-kalkolu tat-tul tal-esperjenza professjonali skont ratio ta' ħames paġni ta' traduzzjoni kuljum (ara l-punt 90 tas-sentenza appellata), minn naħa, ma huwa bbażat fuq ebda dispożizzjoni legali magħrufa u min-naħa l-oħra, ma kienx komuni għall-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni. Fil-fatt, għat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, l-applikazzjoni ta' dan il-metodu kienet tikkostitwixxi żball manifest ta' evalwazzjoni, b'mod partikolari minħabba l-fatt li dan kien esklużivament intern għall-Kummissjoni u, bħala tali, la kien rilevanti u lanqas vinkolanti għal persuni esterni għall-Kummissjoni, bħal FE (punt 92 tas-sentenza appellata).

82 Min-naħa l-oħra, fil-punti 86 u 94 tas-sentenza appellata, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ma ddeċidiex fuq il-kwistjoni dwar jekk l-evalwazzjoni tal-esperjenza professjonali ta' FE mill-Awtorità tal-Ħatra tistax tkun aċċettata bħala plawżibbli (punt 93 tas-sentenza appellata), u pprefera jillimita l-eżami tiegħu għall-konstatazzjoni li l-metodu ta' kalkolu użat mill-Awtorità tal-Ħatra ma kienx infurzabbli kontra FE. Madankollu, b'tali konklużjoni, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ma ddeċidiex effettivament dwar l-ilment ta' żball manifest ta' evalwazzjoni, iżda pjuttost dwar l-ilment tal-allegat ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

83 Fil-fatt, fl-ewwel lok, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 57 iktar 'il fuq, sabiex jiġi stabbilit li twettaq żball manifest fl-evalwazzjoni tal-fatti li jkun ta' natura li jiġġustifika l-annullament ta' deċiżjoni, huwa neċessarju li jintwera li l-evalwazzjonijiet magħmula fid-deċiżjoni kkontestata ma humiex plawżibbli.

84 Peress li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda fil-punt 93 tas-sentenza appellata, li l-Awtorità tal-Ħatra kienet wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni mingħajr ma ddeċieda dwar in-natura plawżibbli jew le tal-analiżi magħmula minn din tal-aħħar tal-esperjenza professjonali ta' FE, huwa kiser l-obbligu ta' motivazzjoni kif previst fl-Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

85 Fit-tieni lok, dwar il-prinċipju ta' ċertezza legali, għandu jiġi rrilevat, kif għamel it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-punt 42 tas-sentenza appellata, li avviż ta' kompetizzjoni jitlef l-għan tiegħu, li huwa dak li jinforma lill-kandidati dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jissodisfaw sabiex jiġu ammessi, jekk l-amministrazzjoni tkun tista' teskludi kandidat għal raġuni li ma tinsabx espressament fl-imsemmi avviż jew fir-Regolamenti tal-Persunal, jew li ma kinitx is-suġġett ta' pubblikazzjoni (ara, f'dan is-sens, fir-rigward tal-avviż ta' pożizzjoni vakanti, is-sentenzi tal-14 ta' April 2011, Šimonis vs Il-Kummissjoni, F-113/07, EU:F:2011:44, punt 74, u tal-15 ta' Ottubru 2014, Moschonaki vs Il-Kummissjoni, F-55/10 RENV, EU:F:2014:235, punt 42).

86 Madankollu, għalkemm dan ir-rekwiżit jipprekludi l-użu, fil-konfront ta' kandidat għal kompetizzjoni, ta' kundizzjoni għall-ammissjoni li ma tinsabx, b'mod partikolari, fl-avviż ta' kompetizzjoni, dan ma jistax jiġi interpretat bħala li jobbliga l-Awtorità tal-Ħatra tispjega, fl-avviż ta' kompetizzjoni, anki l-metodu jew metodi ta' kalkolu differenti possibbli għall-evalwazzjoni ta' tali kundizzjonijiet għall-ammissjoni. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li tali interpretazzjoni tneħħi kważi għalkollox is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandu l-Bord tal-Għażla fl-evalwazzjoni tal-osservanza tal-kriterji previsti mill-imsemmi avviż ta' kompetizzjoni.

87 Għalhekk, ma jistax jitqies li, billi adottat id-deċiżjoni kkontestata, l-Awtorità tal-Ħatra kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali.

88 Fil-kontroreplika, FE ssostni li, kuntrarjament għall-każ ineżami, l-avviż ta' kompetizzjoni inkwistjoni fil-kawża tal-31 ta' Jannar 2006, Giulietti vs Il-Kummissjoni (T-293/03, EU:T:2006:37), kien jinkludi deskrizzjoni espliċita u fid-dettall tan-natura tal-esperjenza professjonali meħtieġa kif ukoll tal-postijiet ta' xogħol li bihom tista' tinkiseb. Barra minn hekk, din is-sentenza tikkonferma li huwa l-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni, bis-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tiegħu, li għandu jevalwa jekk il-kandidati jissodisfawx il-kundizzjonijiet. Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet ta' Bord tal-Għażla li fir-rigward tagħhom l-Awtorità tal-Ħatra ma tat ebda indikazzjoni dwar l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu ma jistgħux jiġu kkontestati sussegwentement mill-Awtorità tal-Ħatra abbażi ta' kriterji li ma kienx marbut bihom il-Bord tal-Għażla.

89 Dan l-argument għandu jiġi miċħud. Fil-fatt, dan l-aggravju jirrigwarda r-rilevanza u l-infurzabbiltà ta' metodu ta' kalkolu użat mill-Awtorità tal-Ħatra f'dan il-każ u mhux il-kwistjoni tas-setgħa diskrezzjonali li l-Bord tal-Għażla eżerċita fil-kuntest tal-kundizzjonijiet għall-ammissjoni previsti mill-avviż ta' kompetizzjoni.

90 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi konkluż li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku wettaq żball ta' liġi meta ddeċieda li l-metodu ta' kalkolu użat mill-Awtorità tal-Ħatra la kien rilevanti u lanqas infurzabbli f'dan il-każ u li billi applikatu, din tal-aħħar kienet wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni.

91 Għaldaqstant, it-tieni aggravju għandu jintlaqa'.

Fuq l-annullament parzjali tas-sentenza appellata

92 Peress li l-ewwel parti, it-tieni parti u l-ewwel ilment tat-tielet parti tal-ewwel aggravju kif ukoll it-tieni aggravju ġew iddikjarati fondati, jirriżulta li s-sentenza appellata għandha tiġi annullata sa fejn hija tannulla d-deċiżjoni kkontestata abbażi tal-fatt li l-Awtorità tal-Ħatra ma kellhiex il-kompetenza sabiex tadottaha u wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni.

93 F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-deċiżjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas kumpens lil FE, li kienet ibbażata fuq il-konstatazzjoni tagħha li l-eżami tal-ewwel motiv invokat wera li d-deċiżjoni kkontestata kienet ivvizzjata b'illegalità (ara l-punt 121 tas-sentenza appellata), ma għandhiex bażi ġuridika.

94 Għalhekk, mingħajr ma huwa neċessarju li jiġi eżaminat it-tielet aggravju, hemm lok li l-punti 1 u 2 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata jiġu annullati.

95 Min-naħa l-oħra, ma hemmx lok li jiġi annullat il-punt 3 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata li permezz tiegħu t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ċaħad il-kumplament tar-rikors ta' FE, peress li din id-deċiżjoni ma hijiex affettwata mill-fatt li l-ewwel parti, it-tieni parti u l-ewwel ilment tat-tielet parti tal-ewwel aggravju kif ukoll it-tieni aggravju ġew iddikjarati fondati.

96 Fl-aħħar nett, fid-dawl tal-annullament parzjali tas-sentenza appellata, id-deċiżjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fuq l-ispejjeż, u għaldaqstant, il-punt 4 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata, għandhom jiġi annullati wkoll.

Fuq ir-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza

97 Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE, Euratom) 2016/1192 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Lulju 2016, dwar it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-ġurisdizzjoni fl-ewwel istanza f'tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha (ĠU 2016, L 200, p. 137), meta l-Qorti Ġenerali tannulla deċiżjoni tat-Tribunal tas-Servizz Pubbliku u tqis li l-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, l-awla li tiddeċiedi dwar l-appell għandha hija stess tiddeċiedi dwar il-kawża. Dan huwa l-każ inkwistjoni.

98 F'dan ir-rigward, għandu jiġi speċifikat li, fid-dawl tal-fatt li s-sentenza appellata hija annullata biss sa fejn hija vvizzjata bl-iżbalji kkonstatati fil-punti 35, 47, 62, 65, 67 u 90 iktar 'il fuq, li jirrigwardaw l-allegazzjonijiet invokati fl-ewwel u fit-tieni motivi fl-ewwel istanza u bbażati fuq l-inkompetenza tal-Awtorità tal-Ħatra, fuq l-iżball manifest ta' evalwazzjoni u fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, l-evalwazzjonijiet l-oħra tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku saru definittivi.

99 B'mod partikolari, għandu jiġi kkonstatat li, fil-kuntest ta' dan l-appell, ma ġietx ikkontestata b'mod espliċitu l-konklużjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li tinsab fil-punt 105 tas-sentenza appellata, li tipprovdi li t-talbiet għal annullament ta' FE magħmula kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment huma nieqsa minn kontenut awtonomu, u għaldaqstant, għandhom jitqiesu li huma formalment diretti kontra d-deċiżjoni kkontestata, kif spjegat mid-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment. L-istess japplika fir-rigward tal-evalwazzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li tinsab fil-punti 101 sa 109

tas-sentenza appellata, li permezz tagħha huwa ċaħad it-tielet motiv invokat fl-ewwel istanza, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tad-dmir ta' premura kif ukoll fuq in-nuqqas ta' osservanza ta' terminu raġonevoli.

100 Għaldaqstant, hemm lok li l-Qorti Ġenerali tiddeċiedi b'mod definittiv dwar ir-rikors inizjalment ippreżentat quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku minn FE billi tiddeċiedi dwar l-ilmenti tat-tieni motiv u tar-raba' motiv, li ma ġewx eżaminati mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

101 Fl-ewwel lok, f'dan ir-rigward, mill-analiżi tal-ewwel aggravju invokat fil-kuntest ta' dan l-appell, jirriżulta li f'dan il-każ, il-kundizzjoni għall-ammissjoni tat-tul minimu tal-esperjenza professjonali preċedenti għandha tinftiehem bħala li tirreferi għal perijodu ta' xogħol imwettaq fuq bażi full-time u li qabel ma tirrekluta lil FE, l-Awtorità tal-Ħatra għandha l-obbligu li tivverifika jekk tissodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa għal dan il-għan.

102 Barra minn hekk, il-fatt li l-metodu ta' kalkolu tal-esperjenza professjonali preċedenti ma kienx previst fl-avviż ta' kompetizzjoni ma jistax jiġi interpretat bħala li jeħles lill-Bord tal-Għażla minn kull kalkolu tat-tul tal-imsemmija esperjenza. f'termini ta' xogħol full-time.

103 F'dawn iċ-ċirkustanzi, billi eżaminat il-fajl ta' FE qabel ir-reklutaġġ tagħha, l-Awtorità tal-Ħatra setgħet tosserva li x-xogħol ta' ġurista lingwista freelance invokat minnha kien jirrappreżenta kważi n-nofs tal-esperjenza professjonali tagħha (15-il xahar fuq total ta' 31 xahar) u kważi żewġ terzi tal-perijodu minimu ta' 24 xahar meħtieġ, li matul dan il-perijodu FE kienet ittraduċiet 721 paġna u li b'mod parallel ma' parti minn dan ix-xogħol, hija segwiet kors ta' studju (ara l-punti 11, 19, 78 u 79 tas-sentenza appellata). F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li l-Awtorità tal-Ħatra setgħet b'mod validu tivverifika t-tul tal-esperjenza professjonali preċedenti ta' FE.

104 Fit-tieni lok, fir-rigward tat-tieni motiv invokat minn FE fl-ewwel istanza b'mod sussidjarju, u l-ewwel nett dwar l-allegat żball manifest ta' evalwazzjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, għandu jiġi osservat li l-metodu ta' kalkolu li jikkonsisti fil-kwantifikazzjoni tax-xogħol imwettaq abbażi tan-numru ta' paġni tradotti huwa użat b'mod ġenerali fil-qasam tat-traduzzjoni, u dan kemm mill-istituzzjonijiet kif ukoll mis-settur privat, peress li jitqies bħala l-iktar wieħed oġġettiv. B'mod partikolari, huwa użat ukoll mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, inkluż fir-rigward tal-ġuristi lingwisti, kif ukoll għall-ħlas ta' servizzi ta' traduzzjoni freelance. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ppreżentati minn FE jsemmu bħala kompitu t-"traduzzjoni ta' dokument", it-terminu previst għal dan, in-numru ta' paġni tad-dokument kkonċernati, il-prezz għal kull paġna u l-ammont totali li jrid jitħallas. Barra minn hekk, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mkien ma kkonstata li, sabiex tipprova l-esperjenza tagħha ta' "ġurista lingwista freelance", FE kellha tippreżenta provi li juru li f'dan ir-rigward hija wettqet kompiti oħra għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għajr dawk tat-traduzzjoni ta' dokumenti ġuridiċi.

105 Barra minn hekk, il-fatt li l-Awtorità tal-Ħatra użat il-kriterju ta' numru ta' paġni tradotti kuljum skont ir-ratio użat mis-servizzi ta' traduzzjoni tal-Kummissjoni, jiġifieri ħames paġni għal kull ġurnata ta' xogħol, ma jistax jitqies bħala manifestament żbaljat fih innifsu.

106 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla u dik tal-Awtorità tal-Ħatra f'dan il-każ ma għandhomx l-istess portata. Minkejja li l-ewwel waħda minn dawn id-deċiżjonijiet twassal għall-ammissjoni jew le ta' kandidat għal kompetizzjoni, dik tal-Awtorità tal-Ħatra hija limitata għar-reklutaġġ potenzjali ta' kandidat li għadda minn kompetizzjoni minn istituzzjoni partikolari. Għandu jitfakkar li, kuntrarjament għal dak li jidher li jirriżulta, b'mod partikolari, mill-punti 62 sa 72 tas-sentenza appellata, fejn it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku eżamina "is-setgħa tal-Awtorità tal-Ħatra li tneħħi lil [FE] mil-lista ta' riżerva ta' kandidati li għaddew għal kompetizzjoni", skont ġurisprudenza stabbilita bbażata fuq il-prinċipju ta' indipendenza tal-bordijiet tal-għażla, l-Awtorità tal-Ħatra ma għandhiex setgħa li tannulla jew tibdel deċiżjoni meħuda minn Bord tal-Għażla ta' kompetizzjoni (sentenzi tal-20 ta' Frar 1992, Il-Parlament vs Hanning, C-345/90 P, EU:C:1992:79, punt 22, u tal-

15 ta' Settembru 2005, Luxem vs Il-Kummissjoni, T-306/04, EU:T:2005:326, punti 22 u 24). Barra minn hekk, peress li FE tixtieq tkun irreklutata mill-Kummissjoni u fin-nuqqas ta' metodu interistituzzjonali ġeneralment applikabbli jew ta' indikazzjonijiet dwar kalkolu plawżibbli min-naħa tal-Bord tal-Għażla, l-Awtorità tal-Ħatra tal-Kummissjoni kienet korretta meta applikat il-metodu ta' kalkolu ġeneralment użat internament fil-qasam ta' traduzzjoni.

107 Barra minn hekk, rigward l-ispjegazzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fis-sens li dan il-każ jirrigwarda t-traduzzjoni b'mod speċifiku ta' testi ġuridiċi jew il-verifika tal-konkordanza lingwistika ta' testi ġuridiċi (punt 90 tas-sentenza appellata), għandu jiġi osservat li FE ma pproduċiet ebda prova li turi li, abbażi ta' kalkolu li japplika ratio ieħor ta' paġni tradotti kuljum, użat b'mod partikolari fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, hija setgħet tissodisfa l-kundizzjoni tal-esperjenza professjonali preċedenti minima ta' sentejn.

108 Għandu jiġi konkluż li l-metodu ta' kalkolu użat mill-Awtorità tal-Ħatra ma huwiex irraġonevoli u li FE ma wrietx li, b'metodu ta' kalkolu ieħor, l-Awtorità tal-Ħatra setgħet tasal għal deċiżjoni differenti. Għaldaqstant, l-applikazzjoni ta' dan il-metodu ta' kalkolu ma tistax titqies bħala manifestament żbaljata.

109 Fl-aħħar nett, l-argument li l-Awtorità tal-Ħatra wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni billi kkonstatat, li l-prattika li għamlet FE mal-uffiċċju legali W. fi Brussell kienet damet xahrejn u mhux tliet xhur, għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv. Fil-fatt, anki jekk jitqies li l-Awtorità tal-Ħatra kienet effettivament wettqet dan l-iżball, din il-konklużjoni ma tistax tibdel id-deċiżjoni tagħha li FE ma tissodisfax il-kundizzjoni għall-ammissjoni fil-kompetizzjoni inkwistjoni.

110 It-tieni nett, għandu jiġi miċħud ukoll l-ilment invokat minn FE fl-ewwel istanza, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Fil-fatt, FE ma wrietx li s-sitwazzjoni tagħha dak iż-żmien kienet differenti minn dik ta' tradutturi li jaħdmu għall-istituzzjonijiet oħra jew li jittraduċu għal lingwi oħra għajr il-Pollakk.

111 It-tielet nett, fl-ewwel istanza, FE ssostni ukoll li, billi applikat il-prinċipju li l-esperjenza professjonali tagħha kellha tikkorrispondi għal xogħol full-time, l-Awtorità tal-Ħatra kienet kisret l-avviż ta' kompetizzjoni. Barra minn hekk, dan l-avviż ma kien ipprovda ebda rekwiżit dwar il-prestazzjoni jew il-produzzjoni tal-kandidati, jew standards bħal dawk applikati mill-Awtorità tal-Ħatra. Dawn l-argumenti għandhom jiġu miċħuda għall-motivi esposti b'mod partikolari fil-punti 29 u 86 ta' din is-sentenza.

112 Fit-tielet lok, fir-rigward tar-raba' motiv invokat fl-ewwel istanza, ibbażat fuq l-illegalità tal-kundizzjoni għall-ammissjoni fil-kompetizzjoni relatata mal-esperjenza professjonali, FE ssostni, permezz ta' eċċezzjoni ta' illegalità, li din il-kundizzjoni għall-ammissjoni li tinsab fl-avviż ta' kompetizzjoni tmur kontra l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, inkwantu avviżi ta' kompetizzjoni oħra għar-reklutaġġ ta' ġuristi lingwisti ma jipprovdu ebda kundizzjoni ta' dan it-tip.

113 Il-Kummissjoni titlob li r-raba' motiv jiġi miċħud, prinċipalment bħala inammissibbli u sussidjarjament bħala infondat.

114 Fil-punt 112 tas-sentenza appellata, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li peress li l-ewwel motiv għall-annullament ibbażat fuq l-inkompetenza tal-Awtorità tal-Ħatra ntlaqa', ma kienx għad hemm lok li jiġi eżaminat ir-raba' motiv. Barra minn hekk, huwa spjega li, "ladarba fir-rigward tal-kundizzjonijiet li jinsabu fl-avviż ta' kompetizzjoni dwar it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Awtorità tal-Ħatra u l-Bord tal-Għażla, ġie stabbilit li l-Awtorità tal-Ħatra kienet marbuta bid-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla li [FE] tkun ammessa għall-kompetizzjoni fir-rigward tal-kundizzjoni relatata mal-esperjenza professjonali peress li din id-deċiżjoni ma kienx fiha żball manifest, l-eventwali illegalità ta' din il-kundizzjoni għall-ammissjoni ma tagħtix lok għal dannu personali addizzjonali li għandu jkun ikkumpensat favur [FE]".

115 Hija ġurisprudenza stabbilita li fil-kuntest ta' proċedura ta' reklutaġġ, li hija operazzjoni amministrattiva kumplessa komposta minn sensiela ta' deċiżjonijiet, kandidat għal kompetizzjoni jista', f'azzjoni li tkun tressqet kontra att sussegwenti, jinvoka l-irregolarità ta' atti preċedenti li huma marbuta mill-qrib miegħu (ara s-sentenza tal-11 ta' Awwissu 1995, Il-Kummissjoni vs Noonan, C-448/93 P, EU:C:1995:264, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata), u jinvoka, b'mod partikolari, l-illegalità tal-avviż ta' kompetizzjoni li abbażi tiegħu ttieħed l-att inkwistjoni (ara f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Settembru 1993, Noonan vs Il-Kummissjoni, T-60/92, EU:T:1993:74, punt 23 u tal-5 ta' Diċembru 2012, BA vs Il-Kummissjoni, F-29/11, EU:F:2012:172, punt 39).

116 Ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament applikabbli għad-dritt tas-servizz pubbliku tal-Unjoni jseħħ meta żewġ kategoriji ta' persuni, li s-sitwazzjonijiet fattwali u legali tagħhom ma jkunu juru ebda differenzi essenzjali, jiġu ttrattati b'mod differenti u meta tali differenza fit-trattament ma tkunx iġġustifikata oġġettivament. Fl-adozzjoni tar-regoli applikabbli, b'mod partikolari, fil-qasam tas-servizz pubbliku tal-Unjoni, il-leġiżlatur għandu josserva l-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament (ara s-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Verile u Gjergji, T-104/14 P, EU:T:2015:776, punt 176 u l-ġurisprudenza ċċitata).

117 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Awtorità tal-Ħatra għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa sabiex tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-ammissjoni fil-kompetizzjoni skont l-interessi tas-servizz (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2001, Van Huffel vs Il-Kummissjoni, T-142/00, EU:T:2001:268, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għalhekk, ksur tal-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament mill-avviż ta' kompetizzjoni inkwistjoni ma jistax jirriżulta mis-sempliċi fatt li ċerti kompetizzjonijiet oħra intiżi għar-reklutaġġ ta' ġuristi lingwisti, organizzati, inċidentalment, wara l-kompetizzjoni inkwistjoni f'din il-kawża, ma jipprovdux l-istess kundizzjoni ta' esperjenza professjonali minima bħal dik inkwistjoni f'din il-kawża.

118 Barra minn hekk, FE ma wrietx li, mill-perspettiva, b'mod partikolari, tal-interess tas-servizz, il-kandidati tal-kompetizzjoni inkwistjoni jinsabu fl-istess sitwazzjoni legali u fattwali bħall-kandidati tal-kompetizzjonijiet oħra għar-reklutaġġ tal-imsemmija ġuristi lingwisti.

119 Għaldaqstant, l-avviż ta' kompetizzjoni inkwistjoni ma jiksirx il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

120 Fir-raba' lok, rigward it-talba kumpensatorja, għandu jitfakkar li, meta d-dannu invokat mir-rikorrent ikun joriġina mill-adozzjoni ta' deċiżjoni li tkun is-suġġett ta' talbiet għal annullament, iċ-ċaħda ta' dawn it-talbiet għal annullament jimplikaw, bħala regola, iċ-ċaħda tat-talbiet għad-danni, peress li dawn tal-aħħar huma marbuta mill-qrib magħhom (ara s-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2013, Andres et vs BĊE, F-15/10, EU:F:2013:194, punt 420 u l-ġurisprudenza ċċitata).

121 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat, li d-dannu invokat minn FE joriġina mill-allegata illegalità tad-deċiżjoni kkontestata tal-Awtorità tal-Ħatra u li t-talbiet għal annullament ġew miċħuda. Konsegwentement, it-talba kumpensatorja ta' FE għandha tiġi miċħuda.

122 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, jirriżulta li r-rikors fl-ewwel istanza għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq l-ispejjeż

123 Skont l-Artikolu 211(2) tar-Regoli tal-Proċedura, meta appell huwa fondat u l-Qorti Ġenerali tiddeċiedi l-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura tal-appell bis-saħħa tal-Artikolu 211(1) tal-istess regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Barra

minn hekk, mill-Artikolu 211(3) tar-Regoli tal-Proċedura jirriżulta li, f'appelli ppreżentati mill-istituzzjonijiet, l-istituzzjonijiet għandhom isostnu l-ispejjeż rispettivi tagħhom, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 135(2) tal-istess regoli.

124 F'dan il-każ, hemm lok li l-Kummissjoni u FE jiġu kkundannati jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom fil-kuntest tal-proċedura tal-appell. Fir-rigward tal-proċedura tal-ewwel istanza, peress li FE tilfet it-talbiet kollha tagħha u l-Kummissjoni talbet li FE tiġi kkundannata għall-ispejjeż, hemm lok li FE tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Awla tal-Appell)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Il-punti 1, 2 u 4 tad-dispożittiv tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tas-6 ta' Ottubru 2015, FE vs Il-Kummissjoni (F-119/14), huma annullati.

2) Ir-rikors ippreżentat minn FE quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-119/14 huwa miċħud.

3) Kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha marbuta mal-appell.

4) FE hija kkundannata għall-ispejjeż marbuta mal-istanza quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, inkluż l-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea.

Jaeger Prek Frimodt Nielsen

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-15 ta' Settembru 2017.

Firem